MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Avviz Numru. 341/2004

**Ballut Blocks Services Ltd (C8360)**

**Vs**

**Peter Abela**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija sebgha u ghoxrin Lira Maltija wiehed u tletin centezmu (Lm3427.31) liema somma tirrapprezenta bilanc minn ammont akbar dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal servizz ta' skavar imwettaq mill-istess socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-imghax legali mill-24 ta' Marzu 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali tat-23 ta' Gunju 2003 u tal-

Mandat ta’ sekwestru prezentat mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta’ Lulju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm3427.31,0 bl-imghax legali mit-23 ta’ Gunju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Gunju 2003 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju tat-22 ta’ Gunju 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------